



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7094/24
PV CONS 7
AGRI 159
PECHE 84

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
26 ta' Frar 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 6742/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

(a) Lista mhux leġislattiva

6841/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Għall-punt li ġej id-dokumenti għandhom jinqraw kif ġej:

9. Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarużja u l-involviment tal-Belarużja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-21 ta' Frar 2024

5679/24 + **COR 1**
5675/24
5678/24
CORLX

(b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6842/24

Sajd

1. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT u r-Regolament (UE) 2023/2053 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran**
Adozzjoni tal-att leġislattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-21 ta' Frar 2024



6454/24
PE-CONS 71/23
PECHE

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Impjiegi u Politika Soċjali

2. **Direttiva li temenda d-Direttiva 98/24/KE u d-Direttiva 2004/37/KE fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u d-diisoċjanati**  6455/24
PE-CONS 81/23
SOC
Adozzjoni tal-att leġislativ
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-21 ta' Frar 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (a) TFUE).

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

3. **Direttiva li temenda d-Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFMD)**  6408/24
PE-CONS 67/23
EF
Adozzjoni tal-att leġislativ
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-21 ta' Frar 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 53(1) TFUE).

4. **Regolament dwar pagamenti istantanji**  6407/1/24 REV 1
PE-CONS 76/23
EF
Adozzjoni tal-att leġislativ
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-21 ta' Frar 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

5. **Regolament li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Sistema ta' Informazzjoni Doganali biex tiġi allinjata mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data**  6532/24
PE-CONS 89/23
ENFOCUSTOM

Adozzjoni tal-att leġislativ

approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-21 ta' Frar 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 16(2) TFUE).

6. **Regolament dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija ("Prüm II")**  6531/24 + ADD 1
PE-CONS 75/23
+ **COR 1 (fi)**
IXIM

Adozzjoni tal-att leġislativ

approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-21 ta' Frar 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 16(2), 87(2) il-punt (a) u 88(2) TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

AGRIKOLTURA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ħtieġa għal reazzjonijiet rapidi u strutturali għas-sitwazzjoni ta' kriżi attwali fis-settur agrikolu 6295/24 + ADD 1
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Affarijiet oħra

4. Agrikoltura

- (a) Emenda tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115 6880/24
biex jiġu adattati r-rekwiżiti tal-KAAT 7 u tal-KAAT 8,
sabiex jiġi evitat li l-kompetittività tal-bdiewa tal-UE tiġi
kompromessa serjament
Informazzjoni mid-delegazzjoni Rumena
- (b) Agrikoltura, il-PAK, is-sovranià tal-ikel tal-UE: il- 6903/24
konnessjoni mill-ġdid bejn l-ikel u s-soċjetà
Informazzjoni mid-delegazzjoni Taljana
- (c) Appell tal-bdiewa Slovakkli għal settur agrikolu 6877/24
kompetittiv u reżiljenti
Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovakkja
- (d) Id-dħul mill-ġdid fl-2024 tad-deroga mill-applikazzjoni 6926/24
tal-istandards tal-KAAT 7 u tal-KAAT 8, u l-possibbiltà li
ma jiġux applikati s-sanzjonijiet għan-nuqqas ta'
konformità mal-kundizzjonalità minħabba l-kriżi fis-settur
agrikolu
Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka
- (e) **Konferenza Ministerjali dwar il-Bijosigurtà u t-**  6676/24
Tilqim: għodod ewlenin għall-prevenzjoni, il-kontroll u
l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali (Brussell, 24 ta'
Jannar 2024): it-tagħlimiet meħuda u t-triq 'il
quddiem
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-konferenza ministerjali "Bijosigurtà u tilqim: għodod essenzjali fil-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard tal-annimali" li saret fi Brussell fl-24 ta' Jannar 2024, u tal-kummenti li saru mill-Kummissjoni u diversi delegazzjonijiet.

(f) Il-mira tal-UE għat-tnaqqis sal-2040 u s-settur agrikolu

 6921/24

Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Pollakka kif ukoll tal-kummenti minn delegazzjonijiet oħrajn u t-tweġiba mill-Kummissjoni.

Sajd

(g) Miżuri unilaterali ta' ġestjoni tas-sajd introdotti mir-Renju Unit

 6828/24

Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża, fisem id-delegazzjoni Daniża u dik Żvediża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Daniża, fisem id-delegazzjoni Daniża u dik Żvediża, dwar miżuri ta' ġestjoni unilaterali għas-sajd introdotti mir-Renju Unit, u tal-kummenti li saru minn delegazzjonijiet oħra u l-Kummissjoni.

(h) L-użu obbligatorju tas-sistema diġitali "CATCH" għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

 6840/24

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-użu obbligatorju tas-sistema diġitali "CATCH" għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, u tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 6842/24

Dwar il-punt "A" **Regolament dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni**
nru 6: **tal-pulizija ("Prüm II")**
 Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

Dikjarazzjoni mid-Danimarka

"Id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tal-approċċ ġenerali dwar il-proposta għal regolament ġdid dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija ("Prüm II") minħabba n-nonparteċipazzjoni tad-Danimarka fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Madankollu, ir-Regolament Prüm II jibni fuq il-kooperazzjoni Prüm eżistenti fil-qasam tal-iskambju ta' data tal-pulizija li fiha bħalissa qed tipparteċipa d-Danimarka. Din il-kooperazzjoni li ilha teżisti minn qabel it-Trattat ta' Liżbona hija bbażata fuq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali. Il-parteeċipazzjoni tad-Danimarka fil-kooperazzjoni eżistenti Prüm uriet li kienet ta' benefiċċju reċiproku u ppermettiet investigazzjoni effettiva u l-infurzar tal-liġi.

Għalhekk, aħna nemmnu li jekk id-Danimarka titħalla barra mill-kooperazzjoni, dan ikun ta' ħsara mhux biss għall-għodod investigattivi għad-Danimarka iżda jkollu wkoll impatt negattiv fuq is-sigurtà interna taż-żona Schengen kollha kemm hi. Inħeġġu li jiġu esplorati l-opzjonijiet kollha biex jiġi żgurat li r-regolament il-ġdid ma jkunx għad-detriment tal-kooperazzjoni eżistenti tagħna fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

Filwaqt li nilqgħu l-fatt li l-parteeċipazzjoni tal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen u pajjiż terz bħar-Renju Unit hija żgurata permezz ta' ftehimiet bilaterali, jiddispjaċina li s'issa ma kienx possibbli li tinstab soluzzjoni għad-Danimarka. Il-possibbiltà li stati membri mhux tal-UE jidħlu f'kooperazzjoni mal-Unjoni f'dan il-qasam, mingħajr tali possibbiltà għad-Danimarka, ser ikollha bħala konsegwenza li d-Danimarka – Stat Membru tal-UE u ta' Schengen – tkun f'pożizzjoni inqas favorevoli mill-istati assoċjati ta' Schengen – u pajjiżi terzi – fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Unjoni f'dan il-qasam.

Id-Danimarka ser tkompli tfittex soluzzjoni prammatika u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-Unjoni Ewropea u d-Danimarka għal din il-kwistjoni importanti."